# F’Xatt il-Baħar

**Il-komponiment ta’ hawn jismu** **F’Xatt il-Baħar… .**

Ejjew naqrawh, imbagħad nassessjawh. Naraw xi punti sbieħ tiegħu u xi punti li nistgħu nirranġawlu. Nimmaġinaw li dan il-komponiment kitbu tifel jismu Ġorġ.

F’xatt il-baħar.

Kien il-Tnejn, l-għada tal-festa, tar-raħal. Ħafna nies
imorru x-xalata. Jien kull sena mmur ngħum fix-xalata
tal-festa tar-raħal. Ħafna nies jagħmlu bħali.
Aħna tlaqna mid-dar għall-ħabta ta’ l-
għaxra u wasalna Għar Lapsi fl-għaxra u
kwart. Il-baħar kien qiesu żejt. L-ewwel ħaġa
li għamilt kienet li biddilt u lbist il-malja.
Il-bajja kienet kollha mimlija bin-nies. Il-baħar
kien sħun. Iż-żgħażagħ u t-tfal kienet il-għaxqa tagħhom
li → jaqbżu mill-għoli. Kien hemm minn qagħad
iċafċaf → ~~ikafkaf~~ fl-ilma u jitkellem ma xi ħabib antik
tiegħu. Xi nies għadu jixxemsu fix-xemx li kienet
taqli ~~taqli~~ l-fniek.
Wara li qgħadna ngħumu ftit tlajna
nieklu għax il-baħar qgħabdilna l-aptit. Ommna
kienet lestitilna biċċa ħobż biż-żejt u tonte
għaż-żejt. Din nizlitilna għasel. Wara ntfajna
fuq xugaman ~~xumagan~~ taħt l-umbrella u qadna naqraw
ktieb.
Jien daqskemm qbiżt u għumejt qabadni
in-nagħs. Għal ħabta ta’ xi xs-sagħtejn ta’
wara nofsinhar missieri qajjimni biex jara jekk ~~jien~~ jien
ridtx immur ngħum naqra oħra. Jien għidtlu
iva. Imma ommi qaltli li jekk irid ngħum irid
nagħmel is-‘sunblock’.
Kif wasalna d-dar jiena mort
ninħasel. Wara bqajt sejjer dritt ġos-sodda
fejn jien ~~in raqadt~~ irqadt mal-ewwel għax jien
kont għajjien mejjet.

214 words

Se nassessjaw il-komponiment fuq għaxar kriterji.

01. Is-Suġġett: Ġorġ kiteb fuq ġurnata li qatta' f' Għar Lapsi l-għada tal-festa. Kiteb komponiment narrattiv. Beda minn x'ħin telaq mid-dar u spiċċa l-komponiment meta reġa' lura. Parti mill-komponiment hija deskrittiva. Ġorġ qagħad mas-suġġett u żviluppah tajjeb. Taqbel ma' dan? Int kont tagħmlu differenti kieku kellek suġġett bħal dan?

02. Introduzzjoni: Ġorġ għamel introduzzjoni tajba li daħħlitna mill-ewwel fis-suġġett. Kieku int x'kont tagħmel differenti?

03. Tqassim ta' paragrafi: Minbarra l-introduzzjoni u l-konklużjoni, il-komponiment fih tliet paragrafi li fihom Ġorġ jgħidilna x'għamel meta kien Għar Lapsi. Imqassam tajjeb. Int x'taħseb?

04. Ortografija/Grammatika: Għalkemm għandu xi ftit żbalji, jidher li Ġorġ joqgħod attent kif jikteb. F'linja numru disgħa huwa ħa l-mudell ta' ***krakar*** meta ġie biex jikteb ***żfħażagħ***. Prosit.
Dawn huma xi kliem li wieħed għandu jirranġahom:
qadna (linja 18). Ngħidu: Huwa seraq, huwa qagħad. Aħna sraqna, aħna - - - - - -. Ġorġ kien xi ftit traskurat għax fl-istess paragrafu kiteb il-kelma b'mod tajjeb.
qabadni in-nagħs (linji 20-21). Sib iż-żewġ żbalji.
irid (linja 24); apptit: (linja 14).

05. Oriġinalità u immaġinazzjoni: Għalkemm tajjeb, dan il-komponiment mhux b'saħħtu f'dan il-qasam. X'seta' daħħal fil-komponiment Ġorġ biex jagħmlu aktar interessanti? Forsi xi inċident? X'taħseb?

06. Malti idjomatiku:
qisu żejt (linja 6); kienet l-għaxqa tagħhom (linja 9); fix-xemx li kienet taqli l-fniek (linji 12-13). Sib xi frażi idjomatika oħra. Hemm waħda fit-tielet paragrafu u oħra fil-konklużjoni. Tista' wkoll iddaħħal xi frażi inti stess (per eżempju f'linja tmienja: ***Il-bajja kienet kollha mimlija bin-nies.*** Fil-Malti għandna l-espressjoni sabiha: ***mimlija daqs bajda.***

07. Aġġettivi: sħun (linja 9); antik (linja 11). Dan il-komponiment

huwa nieqes mill-aġġettivi. Ipprova agħmel ftit int. Eżempji: Linja 6: ***Il-baħar kien _______ u qisu żejt.*** Linja 15: ***… il-baħar qabbadna aptit __________.***

08. Punteġġjatura: Ġorġ qgħad attent għall-punteġġjatura. Beda sentenzi b'ittri kapitali u għamel il-waqfiet fejn hemm bżonn. Iżda f'linji 20-21 hemm xi ħaġa nieqsa. Erġa aqra s-sentenza u għamilha aħjar milli hi.

09. Konklużjoni: Dan il-komponiment għandu konklużjoni addattata. Forsi inti trid tbiddilha u tagħmilha differenti!

10. Kalligrafija: Il-kalligrafija hija ċara biżżejjed.

Kollox ma' kollox dan il-komponiment għoġobni.

Hemm xi ħaġa oħra li tixtieq iżżid?

Issa aqbad komponiment minn tiegħek u assessjah bl-istess mod, fuq il-kriterji ta' fuq.

---